**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 386/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Daniel Cucciardi**

**<u>Illum, 8 ta' Frar 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Daniel Cucciardi** detenur tal-karta tal-identita Maltija **329386M**, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar it-28 ta' April 2017 għall-ħabta ta' bejn l-04:30am u s-14:00hrs u fil-ġranet ta' qabel ġewwa Triq G. Dimech Debono, Birkirkara;

1. Mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu innifsu lil xi ħadd iħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Jeffrey Xuereb u Denise Xuereb Micallef fil-pusses ta' ħwejjiġhom b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indaħal fi ħwejjeġ ta' ħaddiehor;

2. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal aktar minn 23.29 Euro iżda anqas minn 250 Euro għad-dannu ta' Jeffrey Xuereb u Denise Xuereb Micallef.

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-7 ta' Novembru ,2023, fejn il-Qorti illiberat lill-imputat mitt-tieni (2) akkuża, u sabet lill-imputat **ħati tal-ewwel (1) akkuża miġjuba kontrih u kkundannatu għal ħlas ta' multa għas-somma ta' elf Euro (€1,000).**

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Daniel Cucciardi, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar fl-10 ta' Novembru 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tikkonferma fejn sabitu mhux ħati u tirrevoka għall-kumplament u hekk tilliberah minn kull htija u piena.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

Il-fatti li hemm indikati huma li Daniel Cucciardi qabad u qata' d-dawl u l-pajpijiet li kienu ghaddejjin minn fuq il-propjeta' tieghu li kien ghamel Jeffrey Xuereb.

Il-hsara li saret tammonta ghal hsara volontarja. Minn din l-akkuza Daniel Cucciardi gie liberat u ghalhekk la gie liberat minn dik l-akkuza, l-ewwel akkuza ma kinetx applikabbli ghall-kaz ghaliex titkellem fuq elementi kostituttivi tar-reat li huma kompletament differenti.

Fil-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati f'pagna 4 jinghad *"li jidher l-parti civile kienu ghaddew xi pipe minn fuq ic-cint komuni li baqa' niezel ghall-garaxx li kienet propjeta'*

*taghhom. Mal-garaxx kien hemm bitha u maghna fuq il-livell tal-propjeta' tal-imputat kien hemm cint ta' 3 jew 4 filati"*. Ghalhekk jidher car u tond illi dak li sabet il-Qorti kien dwar id-dawl u l-ilma. F'pagna 4 iktar huwa car il-kliem ghaliex insibu l-paragrafu *"ghalhekk l-imputat ma kellu l-ebda dritt li jaqta' d-dawl u l-ilma tal-parti civili. Fir-rigward tal-hsara li allegatament sofrew il-parti civili ma gew prezentati l-ebda ricevuti u ghalhekk din l-akkuza ma gietx ippruvata"*.Konsegwentament il-fatt kriminuz kien jinkwadra li jaqta' d-dawl u l-ilma u kienet mistennija din il-hsara li jgibu l-ircevuti. Mela ma kienx reat taht l-Artiklu 85 imma kellu jkun reat taht l-Artiklu 325 tal-Kodici Kriminali li minnhom gie liberat.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali preżentata fir-reġistru ta' din l-Onorabbi Qorti nhar id-9 ta' Jannar 2024 fejn l-istess Avukat Ġenerali talab lil din il-Qorti tiċħad it-talba tal-appellant.

Semgħet lill-partijiet jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2024.

Rat li din il-kawża tinsab esebita għas-sentenza.

**<u>Ikkunsidrat.</u>**

Illi l-appellant isostni illi l-ewwel Qorti ma għamlitx ġudizzju tajjeb u dan għaliex argumenta li una volta l-ewwel Qorti ma sabitux ħati tar-reat ta' ħsara volontarja ma kellhiex għalfejn issibu ħati tar-reat ta' raggion fattasi. Illi din il-Qorti in prinċipju ma tarax li dan l-aggravju jagħmel wisq sens għaliex l-elementi taż-żewġ reati huma totalment differenti. Illi pero sabiex din il-Qorti tara jekk l-ewwel Qorti waslitx għal ġudizzju li kien safe and satisfactory hija għandha teżamina fid-dettal il-provi kollha prodotti fl-atti.

Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-ewwel Qorti jekk tasal għal konklużjoni li dik il-Qorti setgħet ragonevolment u legalment tasal għall-

konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx ragonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni. F'dan il-kuntest wieħed jista' jara s-segwenti sentenzi:

**Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi** deciza fl-14 ta' Frar, 1989;

**Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace** deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;

**Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul** deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;

**Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech** deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;

**Il-Pulizija v. Carmelo Schembri** deciza fit-28 ta' April, 1995;

**Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed** deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u

**Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef** fit-18 ta' Marzu, 2010; kollha appelli kriminali.

Il-Qorti għalhekk rat ix-xhieda li ddeponew quddiem l-ewwel Qorti.

Rat l-affidavit ta' **WPS 198 Jennyfer Caruana** preżentat fl-atti a fol. 2. spjegat li nhar il-15 ta' April 2017 għall-ħabta tas-12.50p.m Jeffrey Xuereb kien irraporta ġewwa l-għassa tal-pulizija ta' B'kara fejn stqarr li għandu garage ġewwa 2 Triq G Dimech B'kara fejn dak in-nhar stess għall-ħabta tal-11.00a.m ġiet persuna residenti ġewwa residenza bl-isem 'Adonai', fl-istess triq imsemmija u beda jħott l-opramorta ta' fuq il-garaxx tiegħu.

Il-kwerelant stqarr li kellmu lil persuna konċernata sabiex jieqaf iħott fejn hu qalilhom li kellu permess mill-MEPA. Il-kwerelant stqarr li hu ma ipproduċa l-ebda ċertifikat u ma tahom dettalji.

Minn stħarriġ li sar fuq il-post irriżulta illi l-persuna konċernata hija Daniel Cucciardi u dan ġie mitkellem mill-pulzija u wieġeb li kellu kollox skond il-liġi u li kien qed isaqqaf minħabba li kienu qed jaqbżu minn fuq il-garaxx għal ġewwa ir-residenza tiegħu.

Nhar it-23 ta' April 2017 il-kwerelant Jeffrey Xuereb mar l-għassa tal-Pulizija Birkirkara fejn qal illi xtara ukoll garaxx numru 1 li jiġi eżattament ħdejn il-garage numru 2 dak in kwistjoni u ppreżenta kwerela mingħand Dr Bernard Grech biex jittieħdu passi kontra l-appellant li jirrisjedi fil-fond Adonai, Triq G Dimech Debono Birkirkara.

Nhar it-28 ta' April 2017 għall-ħabta tat-8.00a.m wara li ngħata id-dritt li setgħa ma jirrispondix għad-domandi li kienu ser isirulu u wara li ngħata id-dritt li setgħa jikkonsulta ma l-avukat tal-fiduċja tiegħu is-sur Cucciardi ġie mitkellem ġewwa l-għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara fil-presenza tal-avukat tiegħu Dr Charlene Grima. Dan qal li Jeffrey Xuereb qed jgħid li huwa tiegħu u ċioe li hemm biċċa fil-bitħa li hija tiegħu. Is-sur Cucciardi żied jgħid illi l-ewwel pass li għamel kien li ċempel lil MEPA u qalulu li l-gradilja tista' issir u l-importanti li ma jagħlaqx l-arja u d-dawl. Hu qal ukoll illi it-tieni pass li għamel kien li tkellem mal-Perit Andre Buttigieg li mar fuq il-post u qallu li trid issir gradilja ukoll. Hu kompla jgħid illi ħa parir mingħand l-avukat tiegħu Dr Charlene Grima u qaltlu li m'għandux ikun hemm problema. Hu daħal fl-ispejjeż biex hu vera ma jagħlaqx id-dawl. Kompla jgħid illi meta mar biex jagħmel l-insurance tal-post qalulu li jekk ma ssirx mhux ha jkun kopert bl-insurance għax hu jkun hemm nuqqas ta' sigurtà. Mar ikellem lis-sur Jeffrey Xuereb biex jagħmilha kif jagħmilha hu stess fejn imbagħad ċempel il-kunajtu tiegħu u qallu ' *Ara ma jfettilekx taghmilha'*. Qal ili hu jagħmel kif jgħidulu l-perit, l-avukat u tal-MEPA u dan skop ta' sigurtà'.

Rat l-affiavit ta' **PC 55 L Cutajar** esebit fl-atti a fol. 4 tal-proċess. Spjega li nhar it-28 ta' April, 2017 għall-ħabta tat-15.00p.m irraportaw ġewwa l-għassa ta' Birkirkara ċerta Jeffrey Xuereb, Dennis Xiereb u Ġużeppi Micallef fejn stqarrew li għandhom kwistjoni ma persuna u ċioe mal-appellant rigward propjetà'. Jeffrey Micallef stqarr li huma għandhom garage, fejn f'dan il-garage hemm bitħa u Jeffrey għandu l-pajpijiet tal-

ilma u wires tad-dawl niżlin minn ġol-ħajt. Dawn stqarrew li l-kwistjoni hi li l-pajpijiet tad-dawl u ilma għaddejjin minn ġo propjetà' tagħhom u Daniel Cucciardi qiegħed jgħid li l-pajpijiet għaddejjin minn ġol-propjetà tiegħu.

Jeffrey Xuereb stqarr li nhar it-28 ta' April 2017 għall-ħabta tas-14.00p.m huwa niżel fil-garage fejn sab li dan Cucciardi qatalu l-pajp tal-ilma kif ukoll qatgħalu l-wires tad-dawl. Dan stqarr li hu sab il-pajp tal-ilma maqrus u marbut bit-tape u l-wires tad-dawl mdendlin għal isfel. Dawn ippreżentaw ukoll xi pjanti ittri tal-avukat u ittra tal-Enemalta.

Fuq dan ir-rapport ta' min isemmi illi Daniel Cucciardi kien mar l-għassa xi ftit tal-ħin qabel ma marru l-koppja Xuereb biex jagħmlu dan ir-rapport fejn minn jeddu stqarr illi llum kien neħħa l-pajpijiet tal-dawl u tal-ilma ta' Xuereb wara li dan kien avżhom kemm il-darba biex ineħħuħ huma għax skond hu kellu dan id-dritt. Kien imissu jikkonsulta mal-avukat rispettiv tiegħu. Daniel ġie nfurmat li kienu ser joħorġulu l-akkużi odjerni.

**Jeffrey Xuereb** xehed nhar is-16 ta' Novembru 2017 jgħid li nhar it-28 ta' April 2017 meta telaq għax-xogħol [1] huwa niżel fil-garage tiegħu taħt id-dar tas-sur Cucciardi ġewwa B'Kara li għaraf preżenti fl-awla. Xegħel id-dawl u d-dawl kien qed jixgħel. Mar ix-xogħol u x'ħin mar lura mix-xogħol fis-14.20 p.m u għafas is-switch ma xegħel xejn. Ħareġ fil-bitħa biex jittawwal u sab li kollox kien maqlugħ. Wires imdendlin għal isfel u l-pajp tal-ilma maqtugħ ukoll. Kien is-sur Cucciardi li qattagħhom. Ir-rappreżentant tal-Enemalta mar fil-Ġimgħa l-Kbira, u cioe nhar il-15 ta April 2017 u qallu li kellu id-dawl nieżel kontra l-liġi għax għaddej minn ġo propjetà ta' ħaddieħor. Qallu li hemmhekk għaddej minn ġod-dar tiegħu minn ġol-bitħa ta-dar għal bitħa tal-garaxx. Tal-Enemalta kellmu mas-sur Cucciardi u qallhom li kien ser jibqa għaddej bic-chaser u jaqta' kollox. Dan id-diskors sar fuq it-telefon quddiem martu. Qal li d-dawl kien ghaddej minn ġol-bitħa tiegħu u din tinsab fuq wara tal-garaxx.

Denise Xuereb xehdet nhar is-17 ta' Novembru 2017 u tgħid li hija spiċċat fix-xogħol nhar it-28 ta' April 2017 għall-ħabta tas-14.30 p.m u x'ħin waslet id-dar ir-raġel qallha

[1] Fol. 6 tal-atti

li sab id-dawl u l-ilma maqtugħa u dan tal-garaxx li jippossjedu huma. Dan il-garage jinsab taħt il-propjetà' tas-sur Cucciardi.

Jaf li nhar l-14 ta' April 2017 kien mar is-sur Farrugia għan-nom tal-Enemalta u qalilhom biex jaqtgħu d-dawl u l-ilma għax kienu għaddejjin mill-propjetà' tas-sur Cucciardi. Għalhekk ġabu Perit Claude Mallia u dan kif ra id-dawl u l-ilma m'humiex għaddejjin mill-propjetà' ta' ħaddieħor iżda mill-propjetà' tagħhom. Jiġifieri kiteb l-affarijiet kollha u bagħthom lil Enemalta biex juri l-verita.

Sadanitant ċempel lil Joe Farrugia tal-Enemalta u staqsih jekk setgħu qatgħu d-dawl. Dawn qalulu li ma kienx minnu pero is-sur Farrugia kien qallu li jiddispjaċih ħafna iżda xi ġimgħa qabel kien ċempillu l-appellant biex jara jekk id-dawl hux ser jinqata' u hu qallu li speċi huma bagħtu l-affarijiet speċi tad-dawl u mar il-perit pero is-sur Cucciardi ma bagħat xejn lil Enemalta. Dan qallu li jinsab inkwetat ħafna bis-sur Farrugia li kien qed iqatta' statwa bic-chaser u jgħaddi l-pajpijiet li kien hemm tad-dawl u tal-ilma. Dan kollu ħoloq inkonvenjent kbir għalih.

Huma ma reġgħux waħluhom lura għax ma dehrilhomx li kellhom jieħdu l-liġi b'idejhom. Spiċċaw bla ilma u bla dawl u dan ikkreja inkonvenjent kbir għalihom. Qal li l-btieħi tagħhom spiċċaw magħluqa bil-ħadid u b'inkonvenjenza kbira għalihom. Fit-2 ta' Mejju kien għalaq is-saqaf. Qal li kellhom il-laħam fil-freezer li mar kollu. Illi nhar l-24 ta' April 2018 ġie preżentat rapport mid-difiża, rapport imħejji mill-perit Dylan Cutajar Davis.

Rat il-verbal datat 16 ta' Novembru 2017 fejn l-ewwel Qorti għoġobha tinnomina lil Perit Elena Borg Costanzi u in segwitu dehret il-Qorti u ppreżentat ir-rapport tagħha li ġie mmarkat bħala Dok BC1 nhar l-4 ta' April 2018.

Rat ix-xheda tal-**Perit Elena Borg Costanzi** mogħtija nhar il-31 ta' Ottubru 2019 u kkonfermat li l-art tal-bitħa tal-garaxx hija propjetà' tal-kwerelant u meta ġiet approvata mill-MEPA kienet mikxufa iżda meta marret hi rat li kien hemm gradilja fuqha. Ikkonfermat li l-bitħa tal-garaxx kienet tgawdi minn dawl u arja li ġejja minn fuq iżda meta tpoġġiet l-gradilja t-tgawdija tiegħu ġiet ostakolata u minimizzata. Hija kkonfermat li l-gradilja li waħħal l-appellant hi ta' osatakolu għall-kwerelanti.

Illi nhar it-20 ta' Ottubru 2018 ġie esebit r-rapport tal-Perit Claude Mallia li ġie mmarkat bħala Dok CM1. Spjega li huwa kien ġie imsejjaħ sabiex jinvista propjetà tal-konjigu Jeffrey u Denise Xuereb Xuereb u jagħmel rapport dwar dak li rriżultalu. Muri ir-rapport esebit fl-atti u mmarkat bħala Dok CM jgħid li dan ġie redatt minnu. Jgħid li dan kien it-tieni rapport li għamel dwar il-pajpijiet. Qal li kien inqala il-ħajt diviżorju li kien jifred il-bitħa tal-klijent tiegħu u dik tal-ġar. Wara kien talbu jagħmel rapport ieħor li ġie mmarkat bħala Dok BG1 fejn il-klijent tiegħu u ċioe il-kwerelant kellu xi servizzi għaddejjin fosthom dak ta' d-dawl u tal-ilma li kienu jissuplixxu kienu għaddejja mill-arja tal-bitħa tiegħu. Qal li huwa qatt ma daħal fil-propjetà tal-appellant u għalhekk lanqas fuq it-terrazzin tiegħu ma telgħa.

Illi għalhekk bħala fatt jirriżulta li l-parte civile kellhom xi pajp fuq ċint komuni u li dan baqa' nieżel għal garaxx li kienet propjetà' tagħhom. Mal-garaxx jirriżulta li kien hemm bitħa u magħha fuq il-livell tal-propjetà tal-appellant kien hemm ċint ta' tlieta jew erbgħa filati kif stqarret il-Perit nominata mill-Qorti Elena Borg Costanzi. L-appellant qabad u neħħa dan iċ-ċint u għalaq il-bitħa b'gradilja li ġie l-istess livell tal-art tal-bitħa tiegħu. Meta għamel dan ix-xogħol qata il-pajp tal-kwerelanti u ċioe dak li kien jipprovdi is-servizz tad-dawl u tal-ilma u dan għaliex ippretenda li kellhom ineħħuħ l-istess kwerelanti.

**<u>Ikkunsidrat ulterjorment</u>**

Illi l-appellant instab ħati tal-akkuża ta' raggion fattasi u għalhekk din il-Qorti trid tispjega dan ir-reat ut sic. L-offiża tar-ragion fattasi dderivat fil-liġi tagħna mill-Artikolu 168 tal-Kodiċi Naplitan jew Codice del Regno delle due Sicilie tal-1819. L-offiża ġiet klassifikata mill-leġislatur tagħna bħala waħda mid-delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u Amministrazzjonijiet oħra. Il-Professur Sir Anthony Mamo fin-noti tiegħu fuq il-Liġi Kriminali fit-tieni volum, iddeskriva dawn l-offiżi kontra l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja bħala s-segwenti:

> *'These crimes attack the State but indirectly, inasmuch as, without being actuated by motives hostile to the Government, they proceed from*

*other causes, often of a private character and affect those social institutions on and by which the machinery of the Government rests and moves: those institutions, that is to say, which provide the means of guaranteeing to every member of the community the integrity of his rights and those benefits which derive from the state of civil society.'*

Il-ġurista **Francesco Carrara** citat mid-difiza stess fir-rikors tal-appell tagħha fil-ktieb tiegħu[2] jiddefinixxi l-offiża tar-ragion fattasi bħala s-segwenti:

*'La ragion fattasi è il delitto di chiunque credendo di aver un diritto sopra cosa nell'altrui possesso, o sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all'autorita' pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti.'*

L-Imħallef Emeritus Vincent De Gaetano fil-kawża **Il-Pulizija -vs-Anthony Micallef**[3] din l-offiża ġiet deskritta bis-segwenti mod:

*'Ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja, u aktar precizament id-delitt ta' l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita' pubblika. L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali hu intiz mhux biex jipprotegi l-proprjeta', mobbli jew immobli, ta' dak li jkun - ghal tali protezzjoni hemm l-azzjoni civili – izda biex jipprevjeni l-uzurpazzjoni mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita' pubblika.*

Isegwi għalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni mogħtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet ċivili, jekk jirriżulta bħala fatt li kien hemm l-uzurpazzjoni ravviżata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għandhom jaġixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali.' (enfazi mizjuda)

[2] Volum V fil-Parti Speċjali
[3] Appell Kriminali numru: 232/2002 deċiż nhar it-30 ta' Lulju 2004.

Minn hawn joħroġ biċ-ċar li l-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali fl-eżami tal-imputazzjoni taħt l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali huma mgħobbija bl-eżami jekk il-privat u f'dan il-każ l-appellant użax l-awtorita' tiegħu nnifsu flok ma rrikorra għand l-Awtoritajiet kompetenti.

Il-ġurista **Francesco Carrara** fil-ktieb tiegħu fuq kwotat jelenka l-erba' (4) elementi li jridu jissussistu sabiex imputat jinstab ħati għar-reat. Dawn l-elementi li ġew indikati fir-rikors tal-appell tad-difiża huma s-segwenti:

> *1. Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la*
>
> *opposizione o espressa o presunta di questo;*
>
> *2. Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto;*
>
> *3. Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati;*
>
> *4. Mancanza di titolo piu grave.*

Dawn l-erba' elementi ġew adottati fil-Qrati tagħna fosthom fil-kawżi **Il-Pulizija -vs Giuseppe Bonavia et** [4], **Il-Pulizija -vs- Salvatore Farrugia** [5] u **Il-Pulizija -vs Professur Henry Frendo** [6]li huma s-segwenti:

> *'Kif inhu risaput, l-erba' elementi li jridu jikkonkorru biex jikkonfigura ruħu r-reat ta' ragion fattasi huma:-*
>
> *(1) att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema*
>
> *att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor,*
>
> *(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt,*

[4] Deċiża nhar l-14 ta' Ottubru 1944 mill-Qorti tal-Appell
[5] Deċiża nhar l-14 ta' Diċembru 1957 mill-Qorti tal-Appell
[6] Deċiża nhar id-19 ta' Awwissu 2005 mill-Qorti tal-Appell

*(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel di privato braccio dak li jmissu*

*jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika, u*

*(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.*

**Att estern li jispolja lil xi ħaddieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppożizzjoni, espressa jew preżunta, ta' dan il-ħaddieħor.**

Fil-każ odjern irriżulta li l-appellant għamel xogħolijiet fil-garage sottopost għar-residenza tal-kwerelanti bili poġġa gradilja fil-bitħa tiegħu u b'hekk naqqas id-dawl għall-kwerelanti. Inoltre qabad u neħħa ċint li kien hemm ta' tlett jew erbgħa filati bejn il-propjetà' tiegħu u dik tal-kwerelanti u meta għamel hekk neħħa il-pajp li kien hemm niżel mill-propjetà' tal-kwereanti għal garage tagħhom u b'hekk waqqaf il-provista tad-dawl u ilma tagħhom. Tant li anke saħansitra intfiet il-fridge u l-ikel li kellhom ġo fiha kellu jintrema stante li ma kienx hemm elettriku. B'dan li għamel l-appellanti żgur li ppriva lill-kwerelanti milli jkollha l-aċċess għad-dawl u ilma fil-propjetà' tagħhom. Għalhekk l-att estern tal-offiża huwa pruvat.

**Il-kredenza li l-att qiegħed isir b'eżerċizzju ta' dritt**

Illi hawnhekk irid jiġi determinat x'intenzjoni kellu l-appellanti meta wettaq ir-reat u ċioe' l-intenzjoni li jieħu l-liġi b'idejh u dan biex jeżerċita dritt li jaħseb li għandu.

Hekk ingħad fis-sentenza **<u>Il-Pulizija -vs- Eileen Said</u>**[7]:

*"Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu ed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex*

[7] Deċiż minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta nhar id-19 ta' Ġunju, 2002.

*taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha."*

Fil-każ in deżamina jirriżulta li l-appellant ma kellux dritt li jaqbad u jneħħi ċint li kien hemm bejn il-propjetà' tal-kontendenti u jneħħi pajp li kellhom l-kwerelanti li bih kienu qed jieħdu l-provista tad-dawl u ilma. Ma hemmx dubbju li dan il-pajp li kien nieżel mill-propjetà' tagħhom għal garage tagħhom għadda minn fuq il-ħajt in komuni u għalhekk l-appellant messu qabel ma għamel dan l-att tkellem mal-kwerelanti sabiex ma jikrejax dan l-inkonvenjent li effettivament ikkaġuna.

Għalhekk dan l-element jirriżulta wkoll ippruvat.

**Il-koxjenza fl-aġent li hu qiegħed jagħmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita` pubblika.**

M'hemmx dubju li l-appellant kien jaf li l-kwerelanti kellhom l-pajp tagħhom għaddej minn fuq dan il-bejt u kien jaf li jekk ineħħi dan iċ-ċint u jaqta' dan il-pajp kien ser jikkawza preġudizzju lill-kwerelanti. Illi l-Artikolu 85 huwa intiż biex dak li jkun ma jieħux il-liġi b'idejh, u għalhekk l-iskop wara din id-dispożizzjoni – bħad-dispożizzjonijiet fil-kamp ċivili dwar l-*actio spolii* – huwa li tipproteġi l-*istatus quo*[8].

Issa immaterjalment mill-possibilità' li hemm xi jeddijiet ta' natura ċivili li jgawdu l-appellanti fuq din il-proprjeta', għaliex jirriżulta inkonfutabbilment illi l-kwerelanti għandhom dritt li ikollhom is-servizz tad-awl u tal-ilma mhux maqtugħ b'mod arbitrarju u b'hekk jikkawża danni lill-kwerelanti. Dan ifisser illi l-appellanti unilateralment biddel dan l-*istatus quo* tal-kwerelanti ħesrem u b'mod illeġittimu.

[8] Ara Il-Pulizija vs Jane Scicluna deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Frar, 2010

**In-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi**

Illi minn eżami tax-xhieda mogħtija u tal-elementi preċedenti jirriżulta b'mod inekwivoku li l-offiża ma hi xejn għajr għal dik ta' ragion fattasi.

Għalhekk fid-dawl ta' dak li ntqal aktar 'il fuq din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet korretta fil-ġudizzju tagħha meta sabet lill-appellanti ħati tal-akkuża kif addebitata fil-konfront tiegħu.

Ovvjament huwa suffiċjenti li jikkonkorru l-ewwel tlett elementi. Għall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi huwa biżżejjed xi forma ta' pussess.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Denise Caruana**[9] qalet hekk:

> *'...... kwistjonijiet dwar titolu ma jistghux ikollhom effett sabiex tigi stabbilita jew eskluza ir-reita'. Dan ghaliex dak li trid tindaga il-Qorti huwa jekk kienx jezisti stat ta' fatt li ġie mibdul unilateralment minn parti wahda tant illi l-vittma ta' dan ir-reat tigi ipprivata mill-uzu jew tgawdija ta' l-oggett li kien fil-pussess tagħha qabel dak l-att spoljattiv......*

Illi l-elementi tar-reat in diżamina ġew miġbura fir-rikors tal-appell, liema esposizzjoni tad-dritt hija dettaljata tant illi din il-Qorti ma għandha għalfejn iżżid xejn iktar fir-rigward. Jiġi osservat biss illi:

> *"Din il-Qorti tibda biex tghid li r-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hux intiz biex jissostitwixxi l-azzjonijiet rivendikatorji jew xort'ohra li bihom dak li jkun jikseb ir-rikonoxximent tad-drittijiet tiegħu fi jew fuq proprjeta`, mobbli jew immobbli.*
>
> *L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp ċivili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-istatus quo."[10]....*
>
> *Ghall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi 'il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu sufficjenti ghall-avverament tal-ipotesi tal-ligi' (ara appell kriminali **Il-Pulizija***

[9] Deciza fit-30 ta' Novembru, 2016 per Onor Imhallef E. Grima
[10] Ara Il-Pulizija vs Jane Scicluna deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Frar, 2010

***vs George Zahra,*** *16 ta' Lulju 1958 – Vol. XLII.iv.1453). Min ikollu oggett misluf lilu ghat-tgawdija tiegħu ghandu l-pussess materjali ta' dak l-oggett. Taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn li jigi ippruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk.*[11]"

Għalhekk din il-Qorti qegħda tiċħad l-appell intavolat u tikkonferma is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti in toto.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imhallef**

[11] Ara l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Mario Bezzina deċiż nhar is-26 ta' Mejju, 2004